MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru 1457/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Versus**

**Andrew Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kmontra Andrew CAmilleri ta' 25 sena bin Joseph u Jospehine nee Muscat u li joqgħod Door 8, BG, Block F, L-iMtarfa Mtarfa u li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 544079 (M)

Akkużat talli fil-5 t'Ottubru 2003 għall-ħabta tat-3.00 pm fi Triq Tul il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħak, saq il-vettura Numru DRU-005 (Fiat Punto)

(i) b'ġiri aktar milli jmissu;

(ii) naqas li jsuq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq;
(iii) b'manjiera perikoluża
(iv) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Janet Bartolo kif iċċertifika Dr.Anthony Gatt M,D ta' S.L.H.
(v) u aktar involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel FArrugia skond kif iċċertifika Dr.M.A.Aquilina MD;
(vi) u aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kaġuna ħsara nvolontarja fuq il-vettura HAP-113 għad-dannu ta' Daniel Farrugia.

Il-Prosekuzzjoni tablet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-atti kollha inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.24), id-dikjarazzjoni tad-difiża (fol.3) li ma kenitx qed tinsisti għall-preżenza fiżika ta' Dr.Joe Micallef Stafrace, rat il-Proces Verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Abigail Lofaro, ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina (li kienet ukoll ikkonfermata minnu a fol 53)u r-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella,(li kkonferma r-relazzjoni tiegħu), id-dikjarazzjoni tad-difiża li eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lis-sur Joseph Zammit u lis-Sur Michael Sammut (fol.30) u ir-road accident report a fol.57.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkonferma din l-ammissjoni wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

**Il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-relazzjonijiet li jidhru fil-Proces Verbal imsemmi aktar 'il fuq u l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat huma ppruvati. Dawn huma ppruvati wkoll mill-ammissjoni magħmula minnu seduta stante.**

Mir-rapport jirriżulta li Janet Bartolo kienet fil-periklu li titlef ħajjitha.Mr.Raymond Gatt stabilixa impairment ta' 23%. Il-vittma kellha diversi ġrieħi gravi bi ksur fil-femur tal-lemin,

l-għadma tal-koxxa tax-xellug u diversi ksur fil-pelvis waqt li kellha ksur fil-fore-arm

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, l-artikolu 226(1)(a) u 328(b) tal-Kap 9, ir-regolamenti 75 u 127 tal-Motor Vehicle Regulations qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra dan il-fattur:

il-fatt li s-sewqan perikoluż ta' l-imputat wassal biex bniedma għandha diżabilita' serja;

li l-imputat għamel ammissjoni kif ukoll li l-avukat difensur kien prattiku ħafna u eżenta lill-Prosekuzzjoni milli toqgħod ittella' xhieda li setgħu faċilment ma joqogħdux jinstemgħu.

L-abbli difensur ta' l-imputat issottometta li l-assigurazzjoni ħallset dak li kellu jingħata lill-vittma.

Bir-rispett kollu, il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tad-dejn ċivili ma jfissirx li kriminalment ir-reat jisparixxi.

Għalhekk il-Qorti wara li kkonsidrat il-fattur kollha l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €2400. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erbgħa ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros b'dan pero' li l-jim ta' priġunerija qatt m'għandhom ikunu aktar minn sitt xhur.

Ai termini ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------